# QORTI ĊIVILI PRIM’AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta’ nhar il-Ħamis, 1 ta’ Ġunju, 2023**

**Numru 8**

**Rikors Numru 1241/19TA**

**Carmelo sive Charles Foca (K.I. Nru. 462371M) u martu Mariella Foca (K.I. Nru. 496675M)**

**vs**

**Lawrence Persico (K.I. Nru. 544977M)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat ta’ Carmelo sive Charles Foca u martu Mariella Foca (l-Atturi) tat-28 ta’ Novembru 2019 li permezz tiegħu ppremettew u talbu s-segwenti:

“**Dikjarazzjoni dwar l-Oġġett u l-Fatti tal-Kawża**

1. Illi permezz ta’ ftehim milħuq bejn il-kontendenti nhar it-tletin (30) ta’ Lulju elfejn u tnejn (2002), l-intimat kien ikkostitwixxa ruħu bħala debitur fis-somma ċerta, likwida u dovuta ta’ ħdax il-elf, seba mija u tmienja u sebgħin Lira Maltija (LM 11,778) ekwivalenti għas-somma ta’ sebgħa u għoxrin elf, erba mija u ħamsa u tletin Ewro u disgħa u tletin ċenteżmu (€27,435.39);

2. Illi l-intimat kien obbliga ruħu li jħallas id-debitu minnu dovut permezz ta’ pagamenti ratejali ta’ ħamsin lira maltin (LM50) fil-ġimgħa u pagabbli kull nhar ta’ Sibt flimkien mal-imgħax legali ta’ tmienja fil-

mija (8%) dekorribbli mill-għaxra (10) ta’ Awissu elfejn u tnejn (2002) sal-pagament effettiv u pagabbli a skaletta;

3. Illi għalkemm l-intimat wettaq diversi ħlasijiet favur ir-rikorrenti hekk kif kien debitament miftiehem, huwa qiegħed jirrifjuta li jħallas il-bilanċ dovut stante nuqqas ta’ qbil dwar l-ammonti li għadhom dovuti;

4. Illi fil-fatt permezz ta’ ċedola bin-numru ta’ referenza 2848/18 l-intimat kien iddepożita s-somma ta’ erba’ t’ elef, erba mija u wieħed u sebgħin Ewro u disgħa u tmenin ċenteżmu (€4,471.89) taħt l-Awtorita tal-Qorti u dan sabiex preżumibilment jeżimi ruħu mir-responsabilita tal-obbligu tal-ħlasijiet minnu dovuti;

5. Illi madanakollu tali somma ma tirrappreżentax il-kumpless ta’ dak kollu dovut mill-intimati, sa nhar it-tnax (12) ta ’Settembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) l-intimati kienu debituri fis-somma ta’ wieħed u għoxrin elf, ħames mija u sebgħin Ewro u erbgħa u sittin ċenteżmu (€21,570.64), liema ammont kien jikkonsisti in kwantu għas-somma ta’ sbatax il-elf, sebga mija u tlieta u sittin Ewro u tlett ċenteżmi (€17,763.03) kapital u tlett t’ elef, tmien mija u sebgħa Ewro u wieħed u sittin ċenteżmu (€3,807.61) interess fuq l-istess, u dan salv id-dekors ulterjuri ta’ imgħax minn tali data sal-ippreżentar ta’ l-odjerna azzjoni;

6. Illi r-rikorrenti jiddikjaraw li huma jafu b’dawn il-fatti personalment;

**Raġuni għat-Talbiet f’dawn il-Proċeduri**

7. Illi għalkemm ir-rikorrenti nterpella lill-intimat diversi drabi sabiex jersaq għall-ħlas tas-somma bilanċjali minnu dovuta, huwa baqa’ inadempienti;

8. Illi għalhekk ir-rikorrenti ma kellhom ebda għażla għajr li jipproċedu bl-odjerna azzjoni;

**Talbiet**

Jgħid għalhekk l-intimat għaliex m’għandiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni oħra neċessarja u opportuna u għar-raġunijiet premessi kif ukoll għal dawk kollha li jistgħu jirriżultaw waqt it-trattazzjoni ta’ dawn il-proċeduri:

i. Tiddeċiedi u tiddikjara li l-intimat naqas fl-obbligu tal-ħlas minnu dovut favur ir-rikorrenti skond il-pattijiet u l-kundizzjonijiet bejniethom

miftehma bejn il-kontendenti fuq l-iskrittura ta' nhar it-tletin (30) ta ' Lulju elfejn u tnejn (2002);

ii. Tiddeċiedi u tiddikjara li l-intimat huwa debitur tar-rikorrenti fis-somma ta' €21,570.64 jew somma oħra verjuri li tilħaq timmatura pendente lite u hekk kif tiġi likwidata fil-mori ta' dawn il-proċeduri;

iii. Tillikwida s-somma dovuta mill-intimat lir-rikorrenti u dan fl-ammont li jilħaq jimmatura fil-mori tal-proċeduri skond il-pattijiet u l-kundizzjonijiet miftehma bejn il-kontendenti fuq l-iskrittura ta' nhar it-tletin (30) ta 'Lulju elfejn u tnejn (2002);

iv. Tordna u tikkundana lill-intimat iħallas lir-rikorrenti dik is-somma dovuta skond it-tieni talba u t-tielet talbiet flimkien ma' dak l-imgħax ulterjuri li jilħaq jiddekorri sad-data tal-effettiv pagament;

Bl-ispejjeż kollha u l-imgħaxijiet bl-għola rata skond il-liġi, kontra l-intimat li qiegħed sa minn issa jiġi nġunt in subizzjoni, u b' riżerva għal kull azzjoni oħra spettanti lir-rikorrent skond il-Liġi."

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Lawrence Persico (il-konvenut) tal-14 ta' Frar 2020 li permezz tagħha wieġeb is-segwenti:-

"1. ILLI t-talbiet tal-atturi huma manifestament infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż in kwantu ma hemm ebda somma dovuta mill-intimat lill-atturi kif sejjer jiġi ampjament ippruvat waqt is-smiegħ ta' din il-kawża;

2. ILLI mhux ikkontestat li l-intimat daħal f'kuntratt datat 30 ta' Lulju elfejn u tnejn (2002) hawn anness u mmarkat bħala document LP1.

3. ILLI il-konvenut qeda l-obbligi tieghu fedelment skont l-imsemmi kuntratt u wara li ir-rikorrent ippretenda li ghad hemm bilanc dovut, il-konvenut irrifera il-kwistjoni lill-kontabbli tieghu.

4. ILLI l-kontabbli tal-konvenut ikkonferma illi kien baqa' bilanc dovut izda f'ammont hafna izghar minn dak li ppretendew r-rikorenti.

5. ILLI wara illi offra offra l-hlas tal-bilanc dovut ikkalkolat mill-kontabbli tieghu liema somma ma gietx accettata mir-rikorrenti, il-konvenut fil-31 ta' Dicembru 2018, iddepozita l-imsemmi bilanc dovut u cioe' is-somma ta' erbat elef erba mija u wiehed u sebghin Ewro u disa u

tmenin centezmi (Ewro 4471.89) fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti ghas-saldu ta' kull pretenzjoni tar-rikorrenti. Dokumenti annessi u mmarkati LP2 u LP3.

6. ILLI r-rikorrenti baqghu ma rtirawx l-ammont depozitat u baqghu jippretendu bilanc akbar minn dak dovut u l-hlas ta' imghax fuq ammonti li kienu diga' gew imhallsa.

7. ILLI l-konvenut hallas dak li kien dovut.

8. ILLI fid-dettall, fuq il-punti mressqa fir-rikors promotur, l-konvenut bl-istess ġurament jiddikjara:

   a. Illi mhuwiex minnu dak iddikjarat fil-paragrafu numru 5 tar-rikors promotur.

   b. Illi fil-fatt thallas l-ammont totali ta' wiehed u erbghin elf, hames mija u tnejn u erbghin Ewro u zewg centezmi (Ewro 41,542.02) versu kapital u imghax dovut ai termini tal-kuntratt tat-30 ta' Lulju 2002 u gie depozitat l-ammont ta' erbat elef erba mija u wiehed u sebghin Ewro u disa u tmenin centezmi (Ewro 4471.89) versu bilanc ta' kapital u imghax dovut kif fuq imsemmi a saldu finali ta' kull debitu tal-konvenut lejn ir-rikorrenti skont il-kuntratt imsemmi.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi u kif ser jiġi ppruvat waqt is-smiegħ tal-kawża, it-talbiet attriċi kif dedotti għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż ta' din l-istanza kif ukoll tal-mandati kawtelatorji kollha kontra s-soċjeta attriċi, u b'riserva ta' kull dritt spettanti lill-intimat in linea ta' danni għall-ħsara kkaġunata lilu mill-atturi minħabba l-aġir ta' dawn l-aħħar.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri skont il-liġi."

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti;

Qrat ix-xhieda fil-kawża;

Rat il-verbal tal-udjenza tal-20 ta' Marzu 2023 fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

**Punti ta' fatti**

**1.** Din l-azzjoni tinsorġi minn skrittura privata datata 30 ta' Lulju 2002, ffirmata mill-Attur Charles Foca u l-Intimat Lawrence Persico (a' fol 19). Permezz tagħha l-konvenut ikkostitwixxa ruħu debitur a favur tal-kredituri Atturi fis-somma ta' LM11,778 ekwivalenti għal €27,435.36. Permezz ta' din l-iskrittura huwa obbliga ruħu li jħallas dan id-debitu permezz ta' pagamenti ratejali ta' LM50 fil-ġimgħa pagabbli kull nhar ta' Sibt flimkien mal-imgħax legali ta' 8% dekorribbli mill-10 ta' Awwissu 2002 sal-pagament effettiv u pagabbli a skaletta.

**2.** Billi l-Konvenut mhux dejjem kien konsistenti fil-ħlasijiet bil-mod kif stabbilit fil-kuntratt, inħoloq diżgwid fuq il-bilanċ dovut. Skont l-Atturi l-bilanċ dovut, sat-12 ta' Settembru 2019, kien ta' €21,570.64 (ara premessa numru 5 a' fol 2). Skont il-Konvent il-bilanċ dovut huwa ta' €4,471.89 liema somma ġiet minnu depożitata l-Qorti wara li ma ġietx aċċettata mill-Atturi (ara ċedola ta' depożitu numru 2848/18 a' fol 22).

**3.** Dan in-nuqqas ta' qbil huwa riżultat ta' verżjoni kontrastanti mogħtija mill-partijiet għall-pitazz li fih ġew kronikati u reġistrati l-ħlasijiet (a' fol 42). Skont l-Atturi il-ħlasijiet effettwati mill-Konvenut huma biss dawk li ffirma għalihom l-istess Konvenut kontestwalment mal-firma tal-Attriċi Mariella Foca (affidavit Mariella Foca a' fol 35). Skont il-Konvenut, il-ħlasijiet effettwati minnu huma dawk kollha li iffirmat għalihom l-Attriċi Mariella Foca, kemm fejn il-Konvenut iffirma kontestwalment u kemm fejn ma ffirmax (ara xhieda Ivor Lungaro Mifsud, l-awditur tal-Konvenut, a' fol

140 u xhieda tal-Konvenut a’ fol 271). Dan il-pitazz dejjem inżamm f’idejn l-Attriċi Mariella Foca (ara xhieda ta’ Carmelo Foca a’ fol 30, u affidavit tal-Attriċi Mariella Foca a’ fol 35 u xhieda Intimat a’ fol 271).

**Punti ta’ Liġi**

**4.** Il-Qorti tibda mill-ewwel biex taghmel referenza għad-**deċiżjoni fl-ismijiet Manuel Zerafa -vs- Nazzareno Muscat Scerri, Prim’Awla, Qorti Ċivili, per Imħallef Maurice Caruana Curran, 27 ta’ Mejju 1970** fejn ġie mgħalllem li *“bhala konsiderazzjoni legali dwar in-natura tal-oneru tal-provi in materja ta’ pagamenti ta’ debiti civili l-Qorti tirritjeni li,* ***ghalkemm kif dejjem gie ritenut, il-konvenut allegat debitur ghandu jipprova l-pagament li hu jallega, f’kaz ta’ dubju ragjonevoli jekk l-ammont ghadux dovut jew le dan id-dubju ghandu dejjem imur favur il-konvenut ghax l-oneru tal-prova tad-debitu jibqa’ fuq l-attur mill-bidu sa l-ahhar tal-kawza ghax hu jallega d-debitu u kulhadd ghandu jipprova l-allegazzjoni tieghu.*** *U fil-kaz ta’ konflitt serju bejn il-kontendenti fuq il-provi inkombenti rispettivament lilhom, cioe’ l-attur l-esigibilita’ u l-konvenut is-soluzzjoni tad-debitu, in-nuqqas tat-tieni ma tikkolmax il-lakuna probatizja tal-ewwel u jibqa dejjem jimpera l-principju “actore non probante reus absolvitur”.* ***L-attur li jallega d-debitu ma jistax jiskarta l-oneru tieghu fuq il-principju l-iehor “reus in excipiendo fit actor”, ghax, jerga’ jinghad, l-oneru centrali tal-akkuza jibqa’ fuqu. Altrimenti f’kull kaz ta’ konflitt ikun facli ghall-attur jirbah avolja l-Qorti tibqa’ sospiza fi stat ta’ dubju jekk hemmx debitu.****”*

*It-taghlim f'din is-sentenza juri li l-oneru tal-prova hu mixhut fuq il-kreditur f'dawk il-kazijiet biss fejn jigi muri li l-prova tal-pagament tkun sodisfatta lil hinn mid-dubju ragjonevoli. Tali prova mhux necessarjament tirrikjedi dejjem u bilfors il-prova tar-ricevuta. Dan ghaliex mhux eskluz li l-prova ta' hlas issir mod iehor* ***Joe Chetcuti et –vs- Joseph Pearson et noe****") Appell, 5 ta' Ottubru 1998).*

***<u>Dejjem pero' jinkombi fuq min jallega l-ezistenza tal-kreditu illi dan ikun fl-ewwel lok ipprovat a pjena sodisfazzjoni u b'mod univoku u konvincenti</u>.***" (ara ukoll **Deċiżjonijiet fl-ismijiet Miller Distributors Limited -vs- Multi Toys Limited**, **Qorti tal-Appelli Ċivili (Inferjuri), 16 ta' Diċembru 2002**; **Ian Abela Fitzpatrick -vs- Web Trading Limited, Qorti tal-Appell [Sede Inferjuri], 24 ta' Novembru 2003**) (sottolinear u emfażi ta' din il-Qorti).

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

**5.** Hija ħaġa minn ewl id-dinja li, sakemm m'hemmx dikjarat mod ieħor, il-firma tal-Attriċi qua kreditriċi timporta rikonoxximent espress ta' ħlas. L-istess firma għalhekk tikkostitwixxi prova ta' pagament lil hinn minn kull dubju raġjonevoli.

**6.** Sta għalhekk għall-Atturi kredituri li, b'applikazzjoni għall-insenjament mogħti fis-sentenza su ċitata, jipprovaw "*a pjena sodisfazzjoni u b'mod univoku u konvincenti*" l-eżistenza tal-kreditu reklamat minnhom.

**7.** Fl-affidavit tagħha l-Attriċi tgħid li hija kienet tiffirma bil-lest minn qabel "*biex b'hekk Persico kull ma kellu jagħmel huwa li jidħol, iħallas, jagħmel il-firma tiegħu biss (peress li tiegħi kienet diġa tkun lesta) u jitlaq il-barra.*" (ara fol 35 a tergo). Skont din il-Qorti, din il-verżjoni ma tikkostitwix prova univoka u konvinċenti skont l-insenjament fuq ċitat. Dan speċjalment meta jitqies li, kif sewwa sottomess mill-konvenut fin-nota tiegħu, f'partijiet tal-imsemmi pitazz l-Attriċi Mariella Foca ippreparat id-dettalji għal pagamenti mingħajr ma hija ffirmat (ara nota tal-Intimat para 11).

**8.** Il-veraċita' ta' din il-verżjoni toskura ruħha aktar bl-aġir tal-Atturi stess li taw istruzzjoni lill-*accountant* tagħhom Massimo Briffa biex, mingħajr ebda ftehim mal-Konvenut bil-mod kif irid l-artikolu 1142 tal-Kap. 16, jikkalkula imgħaxxijiet fuq imgħaxxijiet (*compound interest*) ħalli jiġġeneraw iktar qliegħ favurihom a skapitu tal-Konvenut:

"***Av. Philip Manduca:*** *Inti għidt li kien hemm ftehim bejn il-partijiet fuq compund interest, kont preżenti inti waqt dan il-ftehim?*

***Ix-xhud:*** *M'għidtx li kien hemm ftehim bejn il-partijiet. Jiena għidt ...*

***Il-Qorti:*** *Neħħija għax ma tisma xejn. Erġa għamillu l-mistoqsija Dottore.*

***Av. Philip Manduca:*** *Mela tista tispejga, fil-bidu tax-xhieda tiegħek inti semmejt fehim fuq compund interest. Id-domanda hija jekk inti kontx preżenti għal dan il-ftehim?*

***Ix-xhud:*** *Jiena m'għidtx li kien hemm ftehim, jiena għidt li l-ewwel task li ngħatali, l-ewwel darba li s-Sur Foca qalli li rridu nikkalkulaw x'hemm dovut, qalli li hemm din il-loan bil-compound interest u rridu naraw x'baqa' dovut sallum*" (ara kontro-eżami a' fol 54).

**9.** Issa f'dan ir-rigward il-Qorti tfakkar li ma jista jkun hemm ebda dubju, li l-artikolu 1142 tal-Kodiċi Ċivili huwa regola ta' ordni pubbliku. Dan jirrizulta min-natura ta' din ir-regola infisha u, partikolarment, fid-dawl ta' l-artikolu 1850(3) u li jiddisponi li kull arranġament kuntrarju għad-dispożizzjoni tal-liġi li tipprojbixxi li l-imgħaxijiet jiġu komposti fi żmien anqas minn sena, huwa null, u għalhekk l-anqas il-*consuetudo abrogatoria* ma tistax tiġi aċċettata f'dan il-każ.

**10.** Min-naħa l-oħra, il-fatt inkontestat, li l-pitazz dejjem inżamm fil-pussess tal-Attriċi jirrendi verosimili l-verżjoni tal-Konvenut (a' fol 271). Dan billi, ladarba il-pitazz baqa' dejjem fil-kontroll assolut tal-Attriċi, mhux eskluż li tassew dan mhux dejjem seta' kien disponibbli lill-Konvenut biex jiffirmah. Pero' indipendentment minn dan kollu, tajjeb li jinghad li riċevuta tal-ħlas, biex isservi bħala prova tal-pagament, ma hux meħtieġ li tkun iffirmata mid-debitur. Li huwa essenzjali hu, li jkun hemm il-firma tal-kreditur, għaliex huwa dan li qiegħed jirċievi l-ħlas u dan anke bħala indikazzjoni inkonfutibbli lid-debitur li dak il-pagament ikun qatgħu. Propju għalhekk tissejjaħ riċevuta, għaliex din tiġi rilaxxjata minn min ikun qiegħed jirċievi (*ricevere*) l-ħlas.

**11.** Il-Qorti sejra għaldaqstant toqgħod fuq il-kalkolu tas-somma kapitali sas-7 ta' Jannar 2017, raġġunt mill-Perit komputista mqabbad minnha fir-rapport tiegħu (a' fol 294), wara li qies bħala evidenza ta' pagamenti dawk li huma ikkollaborati mill-firma tal-mara tal-Attur jiġifieri €5,159.77 nieqes is-somma ta' €4,471.89 depożitata l-Qorti, jiġifieri €687.88, magħdud l-interessi mit-8 ta' Jannar 2017, jiġifieri €330.18 (€687.88 x 8% interessi x 6 snin mis-sena 2017).

**12.** Isegwi li l-ammont realment dovut huwa ta' **€1,018.06**.

**Decide**

Għaldaqstant u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi;

**Tilqa' it-talbiet Attriċi** b'mod limitat billi **tiddikjara** li l-konvenut huwa debitur tal-Atturi fis-somma ta' **elf u tmintax punt sitta tal-Ewro (€1,018.06)** u konsegwentment tikkundannah iħallas is-somma imsemmija ta' **elf u tmintax punt sitta tal-Ewro (€1,018.06)** bl-imgħax legali mid-data ta' din is-Sentenza sad-data tal-effettiv pagament.

Spejjeż tal-Kawża jibqgħu mingħajr taxxa.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**